Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,163, 8 ta' Novembru, 2013
Taqsima B

A.L. 382 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Iskola tal-Arti Performattiva bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7(b)(v) tal-Istatut tal-Iskola u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Iskola tal-Arti Performattiva;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.;

"l-Iskola" tfisser l-Iskola tal-Arti Performattiva; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2013 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) L-applikanti għall-Grad offrut mill-Iskola għandhom ikollhom waħda minn dawn il-gradi:

(a) grad ta' Master fl-istess qasam ta' studju jew f'qasam relatat; jew

(b) grad ta' Bachelor miksub fl-Ewwel Klassi bl-Unuri fl-istess qasam ta' studju jew f'qasam relatat.

(2) Il-Bord jista' wkoll jikkunsidra applikazzjonijiet minn għand applikanti bi kwalifiki fil-livell ta' Master jew ogħla f'dixxiplina oħra u li għandhom esperjenza jew għarfien li, fl-opinjoni tal-Bord, tgħinhom isegwu l-istudji tad-dottorat b'suċċess.

4. (1) L-applikanti jistgħu jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' proposta ta' riċerka komprensiva li tiddeskrivi l-proġett propost, inkluż s-sorsi u l-materjali tar-riċerka, fi kwalunkwe żmien tas-sena.

(2) L-applikanti jistgħu jiġu mitluba wkoll biex juru l-kompetenza tagħhom f'dawk il-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta.

Il-Kumitat tal-Iskola għad-Dottorat

5. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat li jinħatar Kumitat tal-Iskola għad-Dottorat li jkun magħmul kif ġej:

Id-Direttur tal-Iskola jew delegat (*Chairperson*)
3 – 4 membri anziani tal-Iskola, normalment Kapijiet tad-Dipartiment.

Is-Superviżjoni u l-Progress tal-Istudenti

6. Is-Superviżuri Prinċipali huma meħtieġa jissottomettu rapport bil-miktub lill-Bord, permezz tal-Kumitat tal-Iskola għad-Dottorat, kull Ġunju għall-istudenti kollha li jaqgħu taħt is-superviżjoni tagħhom.

7. L-istudenti għandhom jitħallew ikomplu bl-istudji tagħhom biss jekk ir-rapporti tas-Superviżur Prinċipali tagħhom juru li qed jagħmlu progress sodisfaċenti. Jekk ir-rapport ikun negattiv, il-Bord għandu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lis-Senat dwar il-kontinwazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-istudent għall-Grad.

8. (1) Wara li 12–il xahar u mhux aktar minn 24 xahar ta' studju *full-time* jew l-ekwivalenti ta' studju *part-time* jkunu għaddew, l-istudenti huma meħtieġa jissottomettu rapport li jiddiskrivi x-xogħol tar-riċerka mwettaq għall-konsiderazzjoni ta' bord *ad hoc* maħtur mill-Bord. Il-bord *ad hoc* ikun magħmul minn *chairman*, li jkun id-Direttur tal-Iskola jew id-delegat tiegħu, u żewġ eżaminaturi, li wieħed minnhom għandu jkun is-Superviżur Prinċipali.

(2) Il-bord *ad hoc* għandu jeżamina lill-istudent b'mod orali fuq il-bażi tax-xogħol sottomess u għandu l-ewwel jissottometti rapport bil-miktub għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat tal-Iskola għad-Dottorat. Ir-rapport għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

9. L-istudenti reġistrati fl-Iskola jistgħu jkunu meħtieġa jipparteċipaw fil-programm tar-riċerka u tagħlim tal-Iskola.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

10. Sitt xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni l-istudenti għandhom ikunu nfurmati li huma għandhom jażvaw lill-Iskola li se jissottomettu t-teżi tagħhom għall-eżami mhux anqas minn tliet xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni.

11. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra tal-Bord tal-Eżaminaturi skont ir-Regolamenti Prinċipali.

12. Il-Bord għandu japprova u jippubblika l-linji gwida rigward il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

13. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu kopja mingħajr legatura tat-teżi tagħhom għal kull membru tal-Bord tal-Eżaminaturi, skont il-format indikat fil-linji gwida ppubblikati, flimkien ma' kopja f'format diġitali. L-uffiċjal inkarigat mill-Iskola għandu joħroġ riċevuta datata.

(2) Meta jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom, l-istudenti għandhom jissottomettu lill-Iskola tliet kopji tat-teżi b'legatura ħoxna flimkien ma' kopja f'format diġitali fi żmien sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultat tagħhom. Kopja waħda tat-teżi għandha tinżamm mid-Direttur tal-Iskola u kopja oħra fil-Librerija tal-Università. L-istudenti li ma jikkonformawx ma' dan l-ordinament ma jingħatawx il-Grad.